MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 11/2013

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Teddy Spiteri**

**It-Tribunal:-**

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fl-ghaxra (10 ) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu l-kumpanija Mobisle Communications Limited irreklamat minghand Teddy Spiteri s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 524.26) import ta' servizz ta' telephone cellulari bin-numru 79094663. Dan bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali msemmija u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra ir-risposta tal-konvenut li permezzz taghha exxepixxa illi t-talba attrici hi nfondata fid-dritt u fil-fatt, kif ukoll illi l-ammont reklamat ma jaqbilx ma l-ammont pattwit.

Sema x-xhiedakollha mressqa u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra l-verbal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permeezz tieghu l-partijiet transigew il-mertu u talbu sentenza a bazi ta' dik it-tranzazzjoni, kif ukoll talbu lil dan it-tribunal jiddeciedi fuq il-kap ta' L-ispejjes.

Ra illi din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz ta' verbal tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) il-partijeit transigew il-mertu billi qabli li l-ammont mitlub mill-konvenut huwa dovut, bil-kumpanija attrici tikkocedi illi dan jithallas f'erba rati mensili bl-ewwel rata tkun dovuta ma l-ghoti ta' din is-sentenza. Il-partijeit qablu wkoll li ma ghandhomx jiddekorru imghaxijiet.

Hallew biex tibqa deciza minn dan it-tribunal il-kwistjoni ta' l-ispejjes.

L-argument tal-konvenut li minkejja li accetta li jhallas il-mertu ma jridx ihallas l-ispejjes huwa illi huwa ma giex moghti dokumentazzjoni tali li setghet tghinu jivverifika l-kontijiet, qabel ma nbdiet il-kawza.

Dan it-tribunal ma jikkondividix ghal kollox din il-preokkupazzjoni. Bi ftit sforz il-konvenut seta facilment jottjeni d-dokumentezzjoni necessarja. Min naha l-ohra jirrizulta wkoll illi l-impjegati tal-kumanija sabu wkoll diffikulta biex jispjegaw il-kontijiet u ma tantx kienu ta' ghajnuna. F'dawn ic-cirkostanzi dan it-tribunal ihoss illi kulhadd irid jerfa il-piz ta' l-apatija tieghu. Jidirlhu ghalhekk illi b'mod gust u ekwu  tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjes ghandhom jinqsmu kwant u ghal kwart mill-kumpanija attrici u tlett kwarti mill-konvenut.

Ghaldaqstant dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici jikkundanna lil konvenut, sabiex ihallas lil kumpanija attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u ghoxrin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 524.26), liema somma ghandha tithallas f'erba rati ugwali bl-ewwel pagament ikun dovut ma l-ghoti ta' din is-sentenza, u l-pagamenti sussegwenti ikunu dovuti fit-tmien jum ta' kull xhar sussegwenti. Ma ghandhomx jiddekorru imghaxijiet. L-ispejjes ghandhom jigu supportati kwantu ghal kwart minn l-attur u tlett kwarti mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------